Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 485/2017

Il-Pulizija

Vs

Warren Zammit

(ID 379495M)

Illum, 27 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-oggezzjoni maghmula mill-appellant Warren Zammit sabiex f'dan l-istadju ta' revizjoni din il-Qorti tisma' mill-gdid ix-xiehda tal-parti leza Richard Zammit u dan billi dan is-smigh jista' jkun ta' pregudizzju ghall-aggravju minnu imqanqal marbuta mal-kredibilita ta' dan ix-xhud.

Semghet lill-Avukat Generali iwiegeb ghal tali oggezzjoni billi jishaq illi hija prassi tal-Qorti ta'l-Appell li tisma' mill-gdid dik ix-xiehda li ma tkunx giet irregistrata quddiem l-Ewwel Qorti u li allura fejn it-traskrizzjoni ta'l-istess ma tkunx tinsab fl-atti.

Rat l-atti tal-kawza

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta illi l-Ewwel Qorti semghet diversi xhieda kemm minn naha tal-prosekuzzjoni kif ukoll in difeza. Jidher, madanakollu, li ghalkemm il-*maggior* parti tax-xiehda giet irregistrata u sussegwentement traskritta, liema xiehda allura tinsab fl-atti fejn din il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni tal-istess minghajr il-htiega li dawn ix-xhieda jergghu jinstemghu, l-istess ma jistax jinghad ghad-deposizzjoni tax-xhud Richard Zammit, il-parti leza, kif ukoll ta' PS103 Tom John Farrugia. Id-difiza qieghda toggezzjoni ghas-smigh mill-gdid ta' dawn ix-xhieda b'mod specjali dik ta' Richard Zammit billi jishaq illi quddiem l-Ewwel Qorti, mill-kontro-ezami li kien sarlu, kien evidenti li dan ix-xhud ma kienx kredibbli, tant ghalhekk illi wahda mill-lanjanzi minnu imressqa issa fi stadju ta' revizjoni hija marbuta mal-verosimiljanza moghtija mill-Ewwel Qorti lid-deposizzjoni ta' dan ix-xhud, aggravju li fil-fehma tieghu ser jisfa' fix-xejn jekk din il-Qorti ser tisma' dan ix-xhud jiddeponi mill-gdid, tant illi id-dritt tieghu ghal smigh xieraq ser jigi mittiefes.

Issa ibda biex din il-Qorti ma ghandhiex il-jedd tistharreg ebda ilment ta' natura kostituzzjonali billi din il-manzjoni hija riposta biss f'idejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-vesti taghha kostituzzjonali u imbaghad fil-Qorti Kostituzzjonali.

Illi allura ir-risoluzzjoni ghal dan il-kwezit imressaq 'il quddiem mid-difiza ghalkemm jista' jidher li huwa wiehed gustifikat, madanakollu ma isib l-ebda serhan fid-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u b'mod specjali f'dawk li jirregolaw l-andament tal-kawzi sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza originali taghha.

Illi l-artikolu 376(1)(b) jiddisponi hekk:

> **"l-maġistrat għandu jniżżel jew iġiegħel lir-reġistratur inizzel .... s-sustanza tax-xiehda tax-xhieda, billi titniżżel kull kelma li jkollha importanza diretta fuq il-mertu tal-kawża, meta l-qorti jidhrilha meħtieġ li għandu jsir hekk, jew**

**meta ssir talba għaldaqshekk minn waħda mill-partijiet u l-qorti jidhrilha sewwa li tilqa' dik it-talba."**

Ikompli hekk l-artikolu 376 fis-sub-inciz (2) u (3) tieghu:

**In-notamenti tax-xiehda, meta jkunu ttieħdu kif jingħad hawn fuq, għandhom jinqraw lix-xhieda quddiem il-partijiet, u ta' dan għandha titniżżel tifkira fl-atti.**

**In-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) <u>ma jagħmilx null il-proċediment</u>; dan in-nuqqas lanqas m'hu ta' xkiel illi, jekk ikun jinħtieġ, <u>f'kull waqt jew grad tal-kawża, issir il-prova, bil-mod li tagħti l-liġi</u>, tal-fatti li għalihom jirriferixxu dawk id-dispożizzjonijiet, jew illi jinġiebu mill-ġdid ix-xhieda li jkunu ġa nsemgħu."** (sottolinjar tal-Qorti).

Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, b'mod specjali dak li jipprovdi is-sub-inciz (3) tieghu, ghandu johrog illi xejn ma izomm lil din il-Qorti fi stadju ta' revizjoni milli tisma' x-xhieda mill-gdid li jkunu gja instemghu. Illi di piu' minn daqqa t'ghajn lejn il-komparixxi a fol.1 tal-process jirrizulta illi l-Ewwel Qorti ottemperat ruhha ma' dak dispost fis-sub-incizi (1), meta il-magistrat nizzlet in-notamenti taghha dwar ix-xiehda moghtija minn Richard Zammit, ghalkemm dawn ma jidhrux kompluti.

Di fatti hekk qalet din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza Il-Pulizija vs Therese Spiteri deciza fit-2 ta' Novembru 2007 f'sitwazzjoni analoga fejn gie imqanqal aggravju dwar ix-xiehda ta' xhud li quddiem l-Ewwel Qorti ma setax jiftakar id-data meta ma inghatax access ghal ibnu, imbaghad ftakarha meta xehed fi stadju ta' revizjoni:

**"f'kawzi sommarji fejn id-deposizzjoni ma tigix traskritta, ix-xhieda jergghu jinstemghu *de novo* minn din il-Qorti."**

Fuq kollox hija wahda mill-funzjonijiet tal-Qorti illi fid-diskrezzjoni taggha tezamina il-kredibilita tax-xhieda li jiddeponu quddiemha, liema ezami jista' isir b'mod akkurat iktar meta dak ix-xhud jixhed *viva voce* quddiemha, u dan dejjem bid-dritt tad-difiza li tirregola dik id-deposizzjoni bil-jedd tal-kontro-ezami.

Ghal dawn il-motivi l-oggezzjoni ivventilata mid-difiza qed tigi michuda u il-Qorti tordna is-smigh mill-gdid ta' xhud Richard Zammit u ta' PS103 Tom John Farrugia billi x-xiehda moghtija minnhom quddiem l-Ewwel Qorti ma gietx irregistrata u traskritta.

(FT) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur